

EBA/GL/2024/05

27/05/2024

Linji Gwida

dwar il-kriterji STS għat-titolizzazzjoni fil-
karta tal-bilanċ

u li jemenda l-Linji Gwida

EBA/GL/2018/08 u EBA/GL/2018/09

dwar il-kriterji tal-STS għal titolizzazzjoni
ABCP u mhux ABCP

1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-Linji Gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella jagħtu raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 09.12.2024. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2024/05". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw, f'konformità mal-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2017/2402², kif ir-rekwiżiti relatati mas-sempliċità, l-istandardizzazzjoni u t-trasparenza, u r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu, l-aġent ta' verifika ta' parti terza u l-firxa żejda sintetika, stabbiliti fl-Artikoli 26b sa 26e ta' dak ir-Regolament, japplikaw għat-titolizzazzjoni fil-karta tal-bilanċ biex tali titolizzazzjoni titqies sempliċi, trasparenti u standardizzata (STS). Barra minn hekk, dawn il-linji gwida jemendaw il-Linji Gwida EBA/GL/2018/08 u EBA/GL/2018/09 dwar il-kriterji tal-STS għal titolizzazzjoni ABCP u mhux ABCP, maħruġa skont l-Artikoli 19 u 23 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida jenħtieġ li japplikaw f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2402 kif stabbilit fl-Artikolu 1 tiegħu.

Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li nħatru bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402, u lill-istituzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li huma soġġetti għal regolamentazzjoni u superviżjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/2402, inklużi partijiet terzi li jivverifikaw il-konformità STS ukoll f'konformità mal-Artikolu 2(5), l-aħħar subparagrafu, tar-Regolament 1093/2010. L-awtoritajiet kompetenti nnominati skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402 li ma jikkwalifikawx bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 4, il-punt (2) tar-Regolament Nru 1093/2010 huma mħeġġa japplikaw dawn il-linji gwida.

² Ir-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32017R2402&from=fr>

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

8. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 09.12.2024. Dawn il-linji gwida japplikaw għal titolizzazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ li l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tagħhom jinħolqu skont il-ftehimiet ta' protezzjoni tal-kreditu adottati wara 09.12.2024. L-emendi għal-Linji Gwida EBA/GL/2018/08 u EBA/GL/2018/09 dwar il-kriterji tal-STS għal titolizzazzjoni ABCP u titolizzazzjoni mhux ABCP, stabbiliti fit-Taqsima 8 ta' dawn il-linji gwida, japplikaw għal titolizzazzjonijiet li jinħarġu t-titoli tagħhom skont it-termini tal-ftehim adottati wara 09.12.2024.

4. Kriterji relatati mas-semplività

Skoperturi miżmuma fil-karta bilanċjali (I-Artikolu 26b(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Karta bilanċjali

9. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402, it-terminu karta bilanċjali għandu jiġi interpretat bħala l-karta bilanċjali tal-kontabilità tal-oriġinatur jew ta' entità li tappartjeni għall-istess grupp tal-oriġinatur.

L-ebda ħeġġjar doppju (I-Artikolu 26b(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Ħeġġ lil hinn mill-protezzjoni miksuba permezz tal-ftehim ta' protezzjoni ta' kreditu

10. Il-kriterju f'konformità mal-Artikolu 26b(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li jinftiehem li ma jippermettix protezzjoni ta' kreditu multipla fir-rigward tar-riskju ta' kreditu tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti, irrispettivament minn jekk tali protezzjoni ta' kreditu addizzjonali hijiex relatata mal-protezzjoni kontra r-riskju ta' kreditu ta' segment, parti minn segment jew skopertura sottostanti, sabiex jiġi żgurat li r-riskju ta' kreditu tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti ma jiġix iħħeġġjat aktar minn darba.

11. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402, protezzjoni tal-kreditu separata pprovduta għal segmenti separati, partijiet separati tas-segmenti jew skoperturi sottostanti separati skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jenħtieġ li ma titqiesx bħala ħeġġ lil hinn mill-protezzjoni miksuba permezz tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.

Rappreżentazzjonijiet u garanziji (I-Artikolu 26b(6) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Entità tal-grupp li jappartjeni għalih l-oriġinatur

12. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(6) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-“grupp” għandu jiġi interpretat bħala l-grupp konsolidat li għalih tappartjeni l-entità għal finijiet kontabilistiċi jew prudenzjali.

Entità li hija inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata

13. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(6) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-“entità li hija inkluża fl-ambitu tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata” jenħtieġ li tiġi interpretata skont it-tifsira tal-Artikolu 26b(3) ta' dak ir-Regolament.

L-ebda standard ta' sottoskrizzjoni inqas strett

14. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(6), punt (e), tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-istandards ta' sottoskrizzjoni applikati għal skoperturi titolizzati għandhom jitqabblu mal-istandards ta' sottoskrizzjoni applikati għal skoperturi simili fil-mument tal-oriġini tal-iskoperturi titolizzati.

15. Il-konformità mal-paragrafu preċedenti ma għandhiex timplika li jew l-oriġinatur jew il-mutwanti oriġinali huwa meħtieġ li jżomm skoperturi simili fuq il-karta bilanċjali tiegħu fiż-żmien tal-għażla tal-iskoperturi titolizzati jew fil-ħin eżatt tat-titolizzazzjoni tagħhom, u lanqas ma jenħtieġ li jirrikjedi li skoperturi simili jkunu fil-fatt oriġinaw fiż-żmien tal-oriġinazzjoni tal-iskoperturi titolizzati.

Sa fejn jaf l-oriġinatur

16. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(6), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-istandard tal-“aħjar għarfien” jenħtieġ li jitqies issodisfat meta l-oriġinatur juża informazzjoni miksuba minn kwalunkwe wieħed mis-sorsi u ċ-ċirkostanzi li ġejjin jew minn kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawk is-sorsi u ċ-ċirkostanzi:

- a. informazzjoni dwar l-obbliganti miksuba fl-oriġinazzjoni tal-iskoperturi;
- b. informazzjoni miksuba matul il-ġestjoni tal-oriġinatur tal-iskoperturi jew matul il-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju tiegħu;
- c. notifiċi lill-oriġinatur minn parti terza;
- d. informazzjoni disponibbli pubblikament jew informazzjoni dwar kwalunkwe entrata f'wieħed mir-reġistri tal-kreditu jew aktar ta' persuni bi storja ta' kreditu negattiva fil-mument tal-oriġini ta' skopertura sottostanti, sa fejn dik l-informazzjoni tkun diġà tqieset fil-kuntest tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) hawn fuq, u skont ir-rekwiżiti regolatorji u superviżorji applikabbli biss, inkluż fir-rigward ta' kriterji tal-għoti ta' kreditu tajba kif speċifikat fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

Kriterji ta' eliġibbiltà, ġestjoni attiva tal-portafoll (l-Artikolu 26b(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Immaniġġar tal-portafoll attiv

17. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li l-immaniġġar tal-portafoll attiv jinftiehem bħala mmaniġġar ta' portafoll li għalih tapplika waħda jew l-oħra minn dawn li ġejjin:

- a. il-ġestjoni tal-portafoll tagħmel il-prestazzjoni tat-titolizzazzjoni dipendenti kemm fuq il-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti kif ukoll fuq il-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-portafoll tat-titolizzazzjoni, u b'hekk tipprevjeni lill-investituri milli jimmudellaw ir-riskju ta' kreditu tal-iskoperturi sottostanti mingħajr ma titqies l-istrateġija ta' ġestjoni tal-portafoll tal-manijer tal-portafoll;

- b. l-immaniġġar tal-portafoll jitwettaq kemm għal finijiet spekulattivi li għandhom l-għan li jiksbu prestazzjoni aħjar, żieda fir-rendiment, redditi finanzjarji globali jew benefiċċji purament finanzjarji jew ekonomiċi oħra.

18. It-tekniki tal-immaniġġar tal-portafoll li ma għandhomx jitqiesu bħala mmaniġġar tal-portafoll attiv jinkludu:

- a. is-sostituzzjoni tal-iskoperturi sottostanti li huma soġġetti għal tilwim jew investigazzjoni regolatorja, fejn l-iskop ta' tali sostituzzjoni jkun il-faċilitazzjoni tas-soluzzjoni ta' dik it-tilwima jew it-tmiem tal-investigazzjoni;
- b. l-akkwiżizzjoni ta' skoperturi sottostanti ġodda matul il-perjodu 'taż-żieda' biex jiżdied il-valur tal-iskoperturi sottostanti sal-valur tal-obbligi ta' titolizzazzjoni.

Kriterji ta' eliġibbiltà ċari

19. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li jinftiehem li l-kriterji huma "ċari" fejn huwa possibbli li l-konformità magħhom tiġi ddeterminata minn qorti jew tribunal, bħala kwistjoni ta' liġi jew fatt jew tat-tnejn.

Kriterji ta' eliġibbiltà li għandhom jiġu ssodisfati għall-iskoperturi miżjuda wara l-għeluq tat-tranżazzjoni

20. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-issodisfar tal-"kriterji ta' eliġibbiltà li mhumiex inqas stretti minn dawk applikati fl-għażla inizjali tal-iskoperturi sottostanti" għandu jinftiehem li jfisser li l-kriterji ta' eliġibbiltà mhumiex inqas stretti mill-kriterji ta' eliġibbiltà applikati għall-iskoperturi sottostanti inizjali fl-għeluq tat-tranżazzjoni.

21. Il-kriterji ta' eliġibbiltà li għandhom jiġu applikati għall-iskoperturi sottostanti skont il-paragrafu preċedenti għandhom jiġu speċifikati fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni u għandhom jirreferu għall-kriterji ta' eliġibbiltà applikati fil-livell tal-iskopertura.

Assorbimenti permessi

22. L-Artikolu 26b(7), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402 jistabbilixxi lista eżawrjenti ta' ċirkostanzi li fihom skopertura sottostanti tista' titneħħa mit-tranżazzjoni.

Omoġeneità, obbligi tal-iskoperturi sottostanti, flussi ta' pagamenti perjodiċi, l-ebda titolu trasferibbli (Artikolu 26b(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Obbligi eżegwibbli u kuntrattwalment vinkolanti

23. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(8), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, "obbligi li huma kuntrattwalment vinkolanti u infurzabbli, b'rikors sħiħ għad-debituri u, fejn applikabbli, il-garanti" jenħtieġ li jinftiehem li jirreferu għall-obbligi kollha li jinsabu fl-ispeċifikazzjoni kuntrattwali tal-iskoperturi sottostanti li huma rilevanti għall-investituri minħabba li jaffettwaw

kwalunkwe obbligu fuq id-debitur u, fejn applikabbli, il-garanti li jagħmel pagamenti jew jipprovdi garanzija.

Skoperturi bi flussi ta' pagament perjodiċi

24. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(8), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi bi flussi ta' pagament perjodiċi definiti għandhom jinkludu:

- a. skoperturi pagabbli f'pagament wieħed fil-każ ta' titolizzazzjoni rotanti, kif imsemmi fl-Artikolu 26b(12), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402;
- b. skoperturi relatati ma' faċilitajiet ta' karti tal-kreditu;
- c. skoperturi bi ħlasijiet li jikkonsistu minn imgħax u meta l-kapital jitħallas lura mal-maturità, inklużi ipoteki tal-imgħax biss;
- d. skoperturi b'pagamenti li jikkonsistu mill-imgħax u mir-ripagament ta' porzjon tal-kapital, meta tiġi ssodisfata waħda jew l-oħra mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) il-kapital li jifdal jiġi ripagat mal-maturità;
 - (ii) ir-ripagament tal-kapital jiddependi fuq il-bejgħ ta' assi li jiggarrantixxu l-iskoperturi;
- e. skoperturi b'pawżi mill-pagament temporanji kif maqbula kuntrattwalment bejn id-debitur u l-mutwanti.

Standards ta' sottoskrizzjoni, għarfien espert tal-oriġinatur (l-Artikolu 26b(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Divulgazzjoni tal-bidliet materjali minn standards ta' sottoskrizzjoni preċedenti

25. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(10), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, bidliet materjali għall-istandards ta' sottoskrizzjoni li huma meħtieġa li jiġu divulgati kompletament jenħtieġ li jinftehm b'ħala daww il-bidliet materjali fl-istandards ta' sottoskrizzjoni li huma applikati għall-iskoperturi li jżiedu mal-aggregazzjoni tal-iskoperturi sottostanti wara l-għeluq tat-titolizzazzjoni fil-kuntest tar-rikostituzzjoni jew l-immaniġġar ta' portafoll kif imsemmi fil-paragrafi 20 u 21.

26. Bidliet b'ħal standards ta' sottoskrizzjoni jenħtieġ li jitqiesu materjali meta jirreferu għal wieħed mit-tipi ta' bidliet ta' standards ta' sottoskrizzjoni li ġejjin:

- a. bidliet li jaffettwaw ir-rekwiżit tas-similarità tal-istandards tas-sottoskrizzjoni speċifikati aktar fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851;

- b. bidliet li materjalment jaffettwaw ir-riskju ta' kreditu globali jew il-prestazzjoni medja mistennija tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti mingħajr ma jirriżultaw f'approċċi sostanzjalment differenti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjat mal-iskoperturi sottostanti."

27. Id-divulgazzjoni tal-bidliet kollha għall-istandards ta' sottoskrizzjoni jenħtieġ li tinkludi spjegazzjoni tal-għan ta' tali bidliet.

28. Fir-rigward tar-riċevibbli tan-negozju li mhumiex oriġinati fil-forma ta' self, ir-referenza għall-istandards ta' sottoskrizzjoni fl-Artikolu 26b(10), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li tintfieh li tirreferi għall-istandards ta' kreditu applikati mill-bejgiegħ għal kreditu fuq terminu qasir tal-istess tip li jwassal għall-iskoperturi titolizzati fil-kuntest tal-miri ta' pagament miftiehma mal-klijenti tiegħu fir-rigward tal-bejgħ tal-prodotti u s-servizzi tiegħu.

Self residenzjali

29. Skont l-Artikolu 26b(10), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti ma għandhiex tinkludi self residenzjali li kienu kemm kummerċjalizzati kif ukoll sottoskritti skont il-premessa li l-applikant għas-self jew l-intermedjarji ġew mgħarrfin li l-informazzjoni pprovduta jaf ma tkunx ġiet verifikata mill-mutwanti.

30. Self residenzjali li kien sottoskritt iżda li ma kienx ikkummerċjalizzat fuq il-premessa li l-applikant għas-self jew l-intermedjarji ġew mgħarrfin li l-informazzjoni pprovduta tista' ma tiġix ivverifikata mill-mutwanti, jew li l-applikant għas-self jew l-intermedjarji jsiru jafu wara li s-self kien sottoskritt, m'għandux jitqies li huwa kopert minn dan ir-reqwizit.

31. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(10), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-"informazzjoni" pprovduta għandha titqies li tinkludi informazzjoni rilevanti biss. Ir-rilevanza tal-informazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq jekk l-informazzjoni hijiex kejl ta' sottoskrizzjoni rilevanti, bħal informazzjoni kkunsidrata rilevanti għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' mutwatarju, għall-valutazzjoni tal-aċċess għall-kollateral u għat-tnaqqis tar-riskju ta' frodi.

32. Informazzjoni rilevanti għal ipoteki residenzjali ġenerali li ma jiġġenerawx dħul normalment għandha titqies li tikkostitwixxi dħul, u informazzjoni rilevanti għal ipoteki residenzjali li jiġġeneraw id-dħul għandhom normalment jiġu kkunsidrati li jikkostitwixxu dħul mill-kiri. Informazzjoni li mhix utli bħala kejl ta' sottoskrizzjoni, bħalma huma n-numri tat-telefon ċellulari, m'għandhiex titqies bħala informazzjoni rilevanti.

Rekwiżiti ekwivalenti f'pajjiżi terzi

33. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(10), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarji f'pajjiżi terzi jenħtieġ li titwettaq abbażi tal-prinċipji li ġejjin, fejn xieraq, kif speċifikat fid-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/KE:

- a. qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu, fuq il-bażi ta' informazzjoni suffiċjenti, il-mutwanti jivvaluta l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju abbażi ta' informazzjoni suffiċjenti, fejn xieraq miksuba mill-mutwatarju u, fejn meħtieġ, abbażi ta' konsultazzjoni tal-bażi ta' *data* rilevanti;
- b. jekk il-partijiet jaqblu li jbiddu l-ammont totali ta' kreditu wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, il-mutwanti għandu jaġġorna l-informazzjoni finanzjarja għad-dispożizzjoni tiegħu dwar il-mutwatarju u għandu jivvaluta l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju qabel kwalunkwe żieda sinifikanti fl-ammont totali ta' kreditu;
- c. il-mutwanti għandu jagħmel valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju qabel jikkonkludi kuntratt ta' kreditu, filwaqt li jqis b'mod xieraq il-fatturi rilevanti għall-verifika tal-prospett li l-mutwatarju jissodisfa l-obbligi tiegħu jew tagħha skont il-kuntratt ta' kreditu;
- d. il-proċeduri u l-informazzjoni li fuqhom hija bbażata l-valutazzjoni għandhom jiġu dokumentati u miżmuma;
- e. il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja m'għandhiex tiddependi b'mod predominanti mill-fatt li l-proprjetà immobbli residenzjali taqbeż l-ammont tal-kreditu jew il-preżunzjoni li l-valur tal-proprjetà immobbli residenzjali ser jogħla, sakemm l-iskop tal-kuntratt ta' kreditu mhuwiex li proprjetà immobbli residenzjali tinbena jew tiġi rinnovata;
- f. il-mutwanti ma għandux ikun jista' jikkancelja jew jibdel il-kuntratt ta' kreditu ladarba jkun ġie konkluż għad-detriment tal-mutwatarju fuq il-bażi li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja twettqet ħażin;
- g. il-mutwanti għandu jagħmel il-kreditu disponibbli lill-mutwatarju biss meta r-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' kreditu x'aktarx li jintlaħqu skont kif meħtieġ skont dak il-kuntratt;
- h. l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju tiġi valutata mill-ġdid abbażi ta' informazzjoni aġġornata qabel tingħata kwalunkwe żieda sinifikanti fl-ammont totali ta' kreditu wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu sakemm tali kreditu addizzjonali ma jkunx ġie previst u inkluż fil-valutazzjoni oriġinali tal-affidabbiltà kreditizja.

Kriterji biex ikun determinat l-għarfien espert tal-oriġinatur jew tal-mutwanti oriġinali

34. Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk oriġinatur jew mutwanti oriġinali għandux għarfien espert fl-oriġini ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati f'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 26b(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li japplikaw it-tnejn li ġejjin:

- a. il-membri tal-korp maniġerjali tal-oriġinatur jew tal-mutwanti oriġinali u l-persunal ta' livell għoli, għajr il-membri tal-korp maniġerjali, responsabbli mill-immaniġġar tal-oriġinazzjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati għandu jkollhom għarfien u ħiliet xierqa fl-oriġinazzjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati;
- b. kwalunkwe wieħed mill-prinċipji li ġejjin dwar il-kwalità tal-għarfien espert għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:
 - i. ir-rwol u d-dmirijiet tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal superjuri u l-kapaċitajiet meħtieġa għandhom ikunu adegwati;
 - ii. l-esperjenza tal-membri tal-korp maniġerjali u l-persunal superjuri li jkunu kisbu f'pożizzjonijiet preċedenti, l-edukazzjoni u t-taħriġ jenħtieġ li jkunu suffiċjenti;
 - iii. l-involvement tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal superjuri fi ħdan l-istruttura ta' governanza tal-funzjoni tal-ħolqien tal-iskoperturi jenħtieġ li jkun xieraq;
 - iv. fil-każ ta' entità regolata b'mod prudenzjali, l-awtorizzazzjonijiet regolatorji jew il-permessi miżmuma mill-entità jenħtieġ li jitqiesu rilevanti għall-orijini tal-iskoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati.

35. Oriġinatur jew mutwanti oriġinali għandhom jitqiesu li għandhom l-għarfien espert meħtieġ meta japplika wieħed minn dawn li ġejjin:

- a. in-negozju tal-entità jew tal-grupp konsolidat li għalih tappartjeni l-entità għal finijiet kontabilistiċi jew prudenzjali, inkluda l-ħolqien ta' skoperturi simili għal dawk titolizzati, għal tal-inqas ħames snin;
- b. meta r-rekwiżit imsemmi fil-punt (a) ma jiġix issodisfat, dawn jikkonformaw ma' dawn it-tnejn li ġejjin:
 - i. tal-inqas tnejn mill-membri tal-korp maniġerjali għandhom esperjenza professjonali rilevanti fl-oriġinazzjoni ta' skoperturi simili għal dawk titolizzati, fuq livell personali, ta' mill-inqas ħames snin;
 - ii. il-persunal anzjan, minbarra l-membri tal-korp maniġerjali, li huma responsabbli għall-ġestjoni ta' skoperturi li joriġinaw mill-entità simili għal dawk titolizzati għandhom esperjenza professjonali rilevanti fl-oriġinazzjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, fuq livell personali, ta' mill-inqas ħames snin.

36. Għall-finijiet li jintwera l-għadd ta' snin ta' esperjenza professjonali, l-għarfien espert rilevanti jenħtieġ li jiġi żvelat f'dettall suffiċjenti u f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità

applikabbi biex l-investituri jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

Skoperturi ta' natura simili

37. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(10), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi għandhom jitqiesu li huma ta' natura simili jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. l-iskoperturi jappartjenu għal waħda mill-kategoriji ta' assi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punti (a)(i) sa (a)(iii) jew (a)(v) sa (a)(vii) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851;
- b. l-iskoperturi jappartjenu għall-kategorija tal-assi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (a)(iv) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851, u għall-istess tip ta' debitur imsemmi fl-Artikolu 2(3), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;
- c. l-iskoperturi jappartjenu għall-kategorija tal-assi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (a)(viii), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851, u għandhom karatteristiċi simili fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-fatturi ta' omoġeneità msemmija fl-Artikolu 2(6) ta' dak ir-Regolament.

L-ebda skopertura f'inadempjenza u għal debituri/garanti b'indeboliment fil-kreditu (l-Artikolu 26b(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

L-iskoperturi fi stat ta' inadempjenza

38. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi inadempjenti jenħtieġ li jiġu interpretati skont it-tifsira tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif speċifikat aktar mir-Regolament Delegat dwar il-livell limitu ta' materjalità għal obbligi ta' kreditu skaduti żviluppati f'konformità mal-Artikolu 178(6) ta' dak ir-Regolament, u mil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza żviluppata f'konformità mal-Artikolu 178(7) ta' dak ir-Regolament.

39. Fejn oriġinatur jew mutwanti oriġinali ma jkunx istituzzjoni u għalhekk ma jkunx soġġett għar-Regolament (UE) 575/2013, l-oriġinatur jew il-mutwanti oriġinali għandhom jikkonformaw mal-gwida pprovduta fil-paragrafu preċedenti sal-punt li tali applikazzjoni ma titqiesx li hija piż żejjed. F'dak il-każ, l-oriġinatur jew il-mutwanti oriġinali għandhom japplikaw il-proċessi stabbiliti u l-informazzjoni miksuba minn debituri dwar l-oriġinazzjoni tal-iskoperturi, l-informazzjoni miksuba mingħand l-oriġinatur matul il-ġestjoni tal-iskoperturi, jew matul il-proċedura ta' ġestjoni tar-riskju tiegħu jew l-informazzjoni innotifikata lill-oriġinatur minn parti terza.

Skoperturi għal debitur jew garanti bi kreditu indebolit

40. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402, iċ-ċirkostanzi speċifikati fil-punti (a) sa (c) ta' dak il-paragrafu jenħtieġ li jinftehm bħala definizzjonijiet ta' indeboliment

tal-kreditu. Ċirkostanzi possibbli oħra ta' diffikultajiet marbutin ma' kreditu li mhumiex imsemmija fil-punti (a) sa (c) għandhom jinftehem li huma esklużi minn dan ir-rekwiżit.

41. Il-projbizzjoni tal-inklużjoni ta' skoperturi sottostanti "għal debitur jew garanti bi kreditu indebolit" fl-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti kif imsemmi fl-Artikolu 26b(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li tinftiehem bħala r-rekwiżit li, fiż-żmien tal-għażla, jenħtieġ li jkun hemm rikors għall-ammont sħiħ tal-iskopertura titolizzata għal mill-inqas parti waħda mhux indebolita fil-kreditu, irrispettivament minn jekk dik il-parti tkunx debitur jew garanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux xi waħda minn dawn li ġejjin:

- a. skoperturi għal debitur bi kreditu indebolit, meta ma jkunx hemm garanti għall-ammont sħiħ ta' skoperturi titolizzati;
- b. skoperturi għal debitur bi kreditu indebolit li għandu garanti bi kreditu indebolit.

Sa fejn jaf l-oriġinatur jew il-mutwanti oriġinali

42. Għall-finijiet tal-Artikolu 20(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-istandard tal-"aħjar għarfien" għandu jitqies li ġie sodisfat abbażi tal-informazzjoni miksuba biss minn kwalunkwe kombinazzjoni ta' sorsi u ċirkostanzi li ġejjin:

- a. debituri dwar l-oriġinazzjoni tal-iskoperturi;
- b. l-oriġinatur matul il-ġestjoni tiegħu tal-iskoperturi jew matul il-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju tiegħu;
- c. notifiki lill-oriġinatur minn parti terza;
- d. informazzjoni disponibbli pubblikament jew informazzjoni dwar kwalunkwe entrata f'wieħed mir-reġistri tal-kreditu jew aktar ta' persuni bi storja ta' kreditu negattiva fil-mument tal-oriġini ta' skopertura sottostanti, sa fejn dik l-informazzjoni tkun diġà tqieset fil-kuntest ta' (a), (b) u (c) biss, u skont ir-rekwiżiti regolatorji u superviżorji applikabbli, inkluż fir-rigward ta' kriterji tal-għoti ta' kreditu tajba kif speċifikat fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2402. Dan bl-eċċezzjoni ta' riċevibbli tan-negozju li ma jkunux oriġinaw fil-forma ta' self, li fir-rigward tagħhom il-kriterji tal-għoti ta' kreditu ma jkunx hemm bżonn li jiġu ssodisfati.

Espożizzjoni għal debituri jew garanti bi kreditu indebolit li jkun għaddew minn proċess ta' ristrutturar tad-dejn

43. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(11), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402, ir-rekwiżit li jiġi esklużi skoperturi għal debituri jew garanti b'indeboliment fil-kreditu li jkun għaddew minn proċess ta' ristrutturar tad-dejn fir-rigward tal-iskoperturi improduttivi tagħhom jenħtieġ li jinftehem li jirreferi kemm għall-iskoperturi ristrutturati tad-debitur jew tal-garanti rispettiv kif ukoll għal dawk tal-iskoperturi tiegħu li huma stess ma kinux soġġetti għal ristrutturar. Għall-

finijiet ta' dan il-paragrafu, l-iskoperturi ristrutturati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 26b(11), il-punti (a)(i) u (a)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li ma jwasslux biex id-debitur jew il-garanti jiġi nominat bħala bi kreditu indebolit.

Reġistru tal-kreditu

44. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 26b(11), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li jinftiehem bħala limitat għal skoperturi għal debituri jew garanti li għalihom japplikaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin fil-mument tal-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti:

- a. id-debitur jew il-garanti jiġi mmarkat b'mod espliċitu f'reġistru tal-kreditu bħala entità bi storja ta' kreditu avversa minħabba status negattiv jew informazzjoni negattiva maħżuna fir-reġistru tal-kreditu;
- b. id-debitur jew il-garanti jkun fuq ir-reġistru ta' kreditu għal raġunijiet li huma rilevanti għall-iskopijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

Riskju li pagamenti maqbula b'mod kuntrattwali li ma jsirux ikunu ogħla b'mod sinifikanti milli għal skoperturi komparabbli

45. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(11), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2017/2402, id-debituri jew il-garanti bi kreditu indebolit tal-iskoperturi m'għandhomx jitqiesu li għandhom "valutazzjoni tal-kreditu jew punteġġ tal-kreditu li jindika li r-riskju li ma jsirux il-pagamenti kuntrattwalment maqbulin huwa ferm ogħla minn dak ta' skoperturi komparabbli ta' debituri jew garanti oħrajn bi kreditu indebolit miżmuma mill-oriġinatur li mhumiex titolizzati" meta japplikaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. il-fatturi l-aktar rilevanti li jiddeterminaw il-prestazzjoni mistennija tal-iskoperturi sottostanti u l-iskoperturi komparabbli huma simili;
- b. bħala riżultat tas-similarità msemmija fil-punt (a) seta' raġonevolment ikun mistenni, abbażi ta' indikazzjonijiet bħall-prestazzjoni fl-imġhoddi jew il-mudelli applikabbli, li, matul il-ħajja tat-tranżazzjoni jew fuq massimu ta' erba' snin, meta l-ħajja tat-tranżazzjoni tkun itwal minn erba' snin, il-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti ma tkunx aġġar b'mod sinifikanti minn dik tal-iskoperturi komparabbli.

46. Il-kundizzjonijiet fil-paragrafu preċedenti għandhom jitqiesu li ġew issodisfati meta tapplika waħda minn dawn li ġejjin:

- a. l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi li huma kklassifikati bħala dubjużi, indeboliti jew improduttivi, jew ikklassifikati għal effett simili skont il-prinċipji ta' kontabbiltà rilevanti;
- b. l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi għal debituri jew garanti li l-kwalità tal-kreditu tagħhom, ibbażata fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew livelli limiti tal-kwalità tal-kreditu oħra, hija aġġar b'mod sinifikanti mill-kwalità tal-kreditu ta'

debituri jew garanti ta' skoperturi komparabbli li l-oriġinatur joriġina matul l-operazzjonijiet ta' self standard u l-istrateġija tar-riskju tal-kreditu tiegħu.

Mill-inqas pagament wieħed magħmul (l-Artikolu 26b(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterju

47. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402, avvanzi u prelevamenti ulterjuri f'termini ta' skopertura waħda jew ristrutturar tal-istess skopertura għal mutwatarju partikolari ma għandhomx jitqiesu li jiskattaw rekwiżit ġdid ta' "tal-inqas pagament wieħed" fir-rigward ta' tali skopertura.

48. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-għażla maħsuba ta' skopertura separata differenti għall-istess mutwatarju għandha tiskatta rekwiżit ta' "tal-inqas pagament wieħed" ġdid fir-rigward ta' tali skopertura.

Tal-inqas pagament wieħed

49. Għall-finijiet tal-Artikolu 26b(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-pagament imsemmi fir-rekwiżit li skontu "tal-inqas pagament wieħed" kellu jsir fiż-żmien tal-inklużjoni tal-iskoperturi sottostanti jenħtieġ li jkun pagament ta' kiri, kapital jew imgħax jew kwalunkwe tip ieħor ta' pagament ordinarju speċifikat fil-ftehim kuntrattwali relatat mal-iskopertura.

5. Kriterji relatati mal-istandardizzazzjoni

Konformità mar-rekwiżiti tar-ritenzjoni tar-riskju (l-Artikolu 26c(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

50. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 29(5) ta' dak ir-Regolament u l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 29, il-paragrafi 2 sa 4, ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib f'konformità mal-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament, meta jkunu differenti.

Mitigazzjoni xierqa tar-riskji tal-imgħax u tal-munita (l-Artikolu 26c(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Derivattivi

51. Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 26c(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, skoperturi fil-pula ta' skoperturi sottostanti li sempliċement fihom komponent derivattiv li jservi esklussivament għall-iskop ta' hēgġjar dirett tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew tar-riskju tal-kambju tal-iskopertura sottostanti rispettiva fiha innifisha, li mhumiex huma stess derivattivi, m'għandhomx jinftiehm u li huma projbiti.

Standards komuni fil-finanzi internazzjonali

52. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-istandards komuni fil-finanzi internazzjonali għandhom jinkludu l-ISDA jew standards ta' dokumentazzjoni nazzjonali stabbiliti simili.

Pagamenti tal-imgħax referenzjati (l-Artikolu 26c(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Rati tal-imgħax referenzjati

53. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402, ir-rati tal-imgħax li għandhom jiġu kkunsidrati bħala bażi ta' referenza adegwata għall-pagamenti ta' mgħax imsemmija jenħtieġ li jinkludu dan kollu li ġej:

- a. ir-rati interbankarji inklużi Libor, Euribor u parametri referenzjarji rikonoxxuti oħra;
- b. rati tal-imgħax ta' referenza stabbiliti oħrajn bħal ESTR, SONIA, SOFR u TONA;
- c. rati stabbiliti mill-awtoritajiet tal-politika monetarja, inkluż ir-rati tal-fondi u r-rati ta' skont tal-banek ċentrali;
- d. rati settorjali li jirriflettu l-kost tal-fondi ta' mutwanti, inklużi rati varjabbli standard u rati ta' mgħax interni li jirriflettu b'mod dirett l-ispejjeż tas-suq tal-finanzjament ta' bank jew subsett ta' istituzzjonijiet, sal-punt li tkun ipprovduta biżżejjed *data*

lill-investituri biex ikunu jistgħu jevalwaw ir-relazzjoni tar-rati settorjali ma' rati oħra tas-suq.

Formuli u derivattivi kumplessi

54. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-limiti massimi jew minimi tar-rati tal-imgħax ma għandhomx jinftehem li jikkostitwixxu formula jew derivattivi kumplessi.

Rekwiżiti wara l-avviż ta' infurzar (l-Artikolu 26c(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Ammont maqbud fl-SSPE

55. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(4), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-ammont ta' flus kontanti li għandu jitqies bħala maqbud fl-SSPE għandu jiġi ddeterminat kif stabbilit fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.

56. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li jkun permissibbli li l-flus kontanti fl-SSPE jiġu ntraċċati fil-forma ta' fond ta' riżerva għall-użu futur, dment li l-użu tal-fond ta' riżerva jkun limitat esklussivament għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 26c(4), it-tieni subparagrafu, ta' dak ir-Regolament inkluż ir-ripagament ordnat lill-investituri.

Allokazzjoni tat-telf u amortizzament tas-segmenti (l-Artikolu 26c(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Skattaturi

57. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402, minbarra l-iskattaturi minimi meħtieġa, il-partijiet għat-tranżazzjoni jistgħu jaqblu li jinkludu skattaturi oħra relatati mal-prestazzjoni. L-okkorrenza ta' avveniment skattatur għal kwalunkwe skattaturi relatati mal-prestazzjoni bħal dawn jenħtieġ li twassal għall-amortizzazzjoni tas-segmenti ta' titolizzazzjoni li jerġgħu lura għal pagament sekwenzjali f'ordni ta' anzjanità, irrispettivament minn jekk japplikawx skattaturi oħra jew le.

Riverżjoni għal amortizzament mhux sekwenzjali

58. Għall-fini tal-Artikolu 26c(5), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, ladarba r-riverżjoni tal-amortizzament għall-pagament sekwenzjali tiġi applikata bħala konsegwenza tal-ksur ta' kwalunkwe skattatur relatat mal-prestazzjoni, jenħtieġ li ma tkunx permessa riverżjoni ulterjuri lura għal amortizzament mhux sekwenzjali f'konformità mad-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.

Dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni (l-Artikolu 26c(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Standards tal-Ġestjoni

59. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(7), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-istandards ta' ġestjoni jenħtieġ li jinftiehm u bħala standards relatati mal-ġestjoni speċifikati fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni li jridu jiġu ssodisfati matul il-ħajja tat-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni.

Proċeduri ta' ġestjoni

60. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(7), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-proċeduri ta' ġestjoni għandhom jinftiehm u bħala proċeduri attwali meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tal-ġestjoni. Il-proċeduri jistgħu jiġu adattati matul il-ħajja tat-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni sakemm jibqgħu jiġu ssodisfati l-istandards ta' ġestjoni.

Kontropartijiet ta' tranżazzjoni

61. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(7), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-fiduċjarju u l-aġent ta' verifika ta' parti terza għandhom dejjem ikunu differenti mill-ġestur, l-investitur u l-oriġinatur. L-aġent ta' verifika ta' parti terza jenħtieġ li jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 73.

Għarfien espert u rekwiżiti ta' ġestjoni tal-ġestur (l-Artikolu 26c(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Kriterji biex ikun determinat l-għarfien espert tal-ġestur

62. Sabiex jiġi ddeterminat jekk ġestur għandux għarfien espert fil-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati skont l-Artikolu 26(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li japplikaw dawn li ġejjin:

- a. il-membri tal-korp maniġerjali tal-ġestur u l-persunal ta' livell għoli, għajr membri tal-korp maniġerjali, responsabbli mill-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati għandu jkollhom għarfien u ħiliet adegwati fil-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati;
- b. kwalunkwe wieħed mill-prinċipji li ġejjin dwar il-kwalità tal-għarfien espert għandu jitqies fid-determinar tal-għarfien espert:
 - i. ir-rwol u d-dmirijiet tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal superjuri u l-kapaċitajiet meħtieġa għandhom ikunu adegwati;
 - ii. l-esperjenza tal-membri tal-korp maniġerjali u l-persunal ta' livell għoli miksuba f'pożizzjonijiet preċedenti, l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu biżżejjed;
 - iii. l-involvement tal-membri tal-korp maniġerjali u l-persunal ta' livell għoli fi ħdan l-istruttura ta' governanza tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-iskoperturi għandu jkun xieraq;

- iv. fil-każ ta' entità regolata b'mod prudenti, l-awtorizzazzjonijiet regolatorji jew il-permessi miżmuma mill-entità għandhom jitqiesu rilevanti għall-ġestjoni ta' skoperturi ta' simili għal dawk titolizzati.

63. Jenġtiegħ li ġestur jitqies bħala li għandu l-għarfien espert meħtiegħ meta tapplika waħda jew l-oħra minn dawn li ġejjin:

- a. in-negozju tal-entità, jew tal-grupp konsolidat li għalih tappartjeni l-entità għal finijiet ta' kontabilità jew prudenzjali, ikun inkluda l-oriġinazzjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, għal mill-inqas ħames snin;
- b. meta r-rekwiżit imsemmi fil-punt (a) ma jiġix issodisfat, dan jikkonforma ma' dawn kollha li ġejjin:
 - i. tal-inqas tnejn mill-membri tal-korp maniġerjali jkollhom esperjenza professjonali rilevanti fil-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, fuq livell personali, ta' mill-inqas ħames snin;
 - ii. persunal ta' livell għoli, għajr membri tal-korp maniġerjali, li huma responsabbli mill-immaniġġar tal-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati tal-entità, għandhom esperjenza professjonali rilevanti fil-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għal dawk titolizzati, fuq livell personali, ta' mill-inqas ħames snin.
 - iii. il-funzjoni ta' ġestjoni tal-entità hija appoġġata minn ġestur ta' riżerva konformi mal-punt (a).

64. Għall-finijiet li jintwera n-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali, l-għarfien espert rilevanti għandu jiġi żvelat f'biżżejjed dettall u f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli biex l-investituri jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

Skoperturi ta' natura simili

65. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-interpretazzjoni tat-terminu "skoperturi ta' natura simili" jenġtiegħ li ssegwi l-interpretazzjoni pprovduta fil-paragrafu 37.

Politiki, proċeduri u kontrolli tal-ġestjoni tar-riskju ddokumentati sew u adegwati

66. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-ġestur jenġtiegħ li jitqies li jkollu "politiki, proċeduri u kontrolli tal-ġestjoni tar-riskju dokumentati sew u adegwati relatati mas-servizzjar tal-iskoperturi" meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. il-ġestur huwa entità soġġetta għal regolamentazzjoni u superviżjoni prudenzjali u kapitali fl-Unjoni u tali awtorizzazzjonijiet jew permessi regolatorji huma meqjusa rilevanti għall-ġestjoni;

- b. il-ġestur huwa entità li mhijiex soġġetta għal regolamentazzjoni u superviżjoni prudenzjali u kapitali fl-Unjoni, u tiġi pprovduta prova tal-eżistenza ta' politiki u kontrolli tal-ġestjoni tar-riskju dokumentati sew u adegwati, li tinkludi wkoll prova ta' aderenza ma' prattiki tajba tas-suq u kapaċitajiet ta' rappurtar. Il-prova għandha tkun sostanzjata minn rieżami xieraq minn parti terza, bħal pereżempju minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew awditur estern.

Riżoluzzjoni f'waqtha tal-kunflitti bejn l-investituri (l-Artikolu 26c(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Dispożizzjonijiet ċari li jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni f'waqtha tal-kunflitti bejn klassijiet differenti ta' investituri

67. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402, id-dispożizzjonijiet tad-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni li "jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni f'waqtha tal-kunflitti bejn klassijiet differenti ta' investituri" għal tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni ma' aktar minn investitur wieħed għandhom jinkludu dawn kollha li ġejjin:

- a. il-metodu biex jissejġu laqgħat jew jiġu organizzati sejħiet għall-konferenzi;
- b. il-perjodu ta' żmien massimu biex tkun organizzata laqgħa jew biex tkun imsejġha konferenza;
- c. il-kworum meħtieġ;
- d. il-limitu minimu ta' voti biex tiġi vvalidata deċiżjoni bħal din, b'differenzjar ċar bejn il-limiti minimi għal kull tip ta' deċiżjoni;
- e. fejn applikabbli, post għal-laqgħat li għandhom ikunu fl-Unjoni.

68. Għall-finijiet tal-Artikolu 26c(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402, fejn jeżistu dispożizzjonijiet statutorji obligatorji fil-ġurisdizzjoni applikabbli li jistabbilixxu kif il-kunflitti bejn l-investituri għandhom jiġu riżolti, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tista' tirreferi għal dawn id-dispożizzjonijiet.

6. Kriterji relatati mat-trasparenza

Data dwar il-prestazzjoni tat-telf u ta' inadempjenza fil-passat (l-Artikolu 26d(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Data

69. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, fejn il-bejjiegħ ma jistax jipprovdni *data* f'konformità mar-rekwiżiti tad-*data* li hemm fih, *data* esterna li hija disponibbli għall-pubbliku jew li hija pprovduta minn parti terza, bħal aġenzija ta' klassifikazzjoni jew parteċipant ieħor tas-suq, jistgħu jintużaw, sakemm ir-rekwiżiti l-oħra kollha ta' dak l-artikolu jiġu sodisfati.

Skoperturi sostanzjalment simili

70. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, it-terminu "skoperturi sostanzjalment simili" għandu jinftehem bħala li jirreferi għal skoperturi li għalihom jiġu sodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. il-fatturi l-aktar rilevanti li jiddeterminaw il-prestazzjoni mistennija tal-iskoperturi sottostanti huma simili;
- b. bħala riżultat tas-similarità msemmija fil-punt (a) seta' raġonevolment ikun mistenni, abbażi ta' indikazzjonijiet bħal prestazzjoni fl-imġhoddi jew mudelli applikabbli, li, matul il-ħajja tat-tranżazzjoni, jew fuq massimu ta' erba' snin, meta l-ħajja tat-tranżazzjoni tkun itwal minn erba' snin, il-prestazzjoni tagħhom ma tkunx aġġar b'mod sinifikanti minn dik tal-iskoperturi titolizzati.

71. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi sostanzjalment simili ma għandhomx ikunu limitati għal skoperturi miżmuma fil-karta bilanċjali tal-orġinatur.

Verifika ta' kampjun tal-iskoperturi sottostanti (l-Artikolu 26d(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Kampjun tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għal verifika esterna

72. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi sottostanti li għandhom ikunu soġġetti għal verifika qabel id-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni għandhom ikunu kampjun rappreżentattiv tal-portafoll proviżorju li minnu jiġi estratt il-pula titolizzat u li huwa f'forma raġonevolment finali qabel id-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni.

Parti li teżegwixxi l-verifika

73. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, parti għandha titqies xierqa u indipendenti meta tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. ikollha l-esperjenza u l-kapaċità biex twettaq il-verifika;
- b. ma tkun l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:
 - i. aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;
 - ii. parti terza li tivverifika l-konformità mal-STS skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2017/2402;
 - iii. entità affiljata mal-oriġinatur, l-isponsor, l-investitur jew l-SSPE.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika

74. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-verifika jenħtieġ li titwettaq bl-applikazzjoni ta' metodu statistiku xieraq u bbażata fuq kampjun aleatorju ta' skoperturi sottostanti estratti mill-iskoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni, filwaqt li d-daqs tal-kampjun jenħtieġ li jiġi ddeterminat sabiex jiġi żgurat li l-probabbiltà (livell ta' fiduċja) li tiġi rrifjutata b'mod korrett l-ipoteżi li ma hemm l-ebda eċċezzjoni għar-rekwiżit fl-aggregazzjoni sħiħa tal-iskoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni tkun mill-inqas 95 % (jiġifieri l-probabbiltà li l-hekk imsejjaħ żball tat-tip II li jiġi aċċettat b'mod falz aggregazzjoni sħiħa mingħajr eċċezjonijiet jenħtieġ li tkun ta' 5 %).

75. Fi kwalunkwe każ, in-numru minimu tal-iskoperturi sottostanti fil-kampjun għandu jkun 50. Għal titolizzazzjonijiet fejn l-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti tikkonsisti f'inqas minn 50 skopertura sottostanti, il-kampjun għandu jikkonsisti mill-iskoperturi sottostanti kollha.

76. Il-verifika għandha tinkludi verifika tal-bażi tad-*data* jew tas-sistemi tal-IT tal-oriġinatur kontra l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu u dokumentazzjoni relatata sabiex jiġi kkonfermat li l-okkorrenza ta' avveniment ta' kreditu tiskatta pagament ta' protezzjoni tal-kreditu mill-investitur fejn it-telf fuq l-iskopertura sottostanti soġġetta għal avveniment ta' kreditu jkun assenjat lis-segment(i) protett(i) fir-rigward tal-iskoperturi li huma soġġetti għall-verifika. Meta din il-verifika ma tkunx possibbli bl-użu tal-bażi tad-*data* jew tas-sistemi tal-IT tal-oriġinatur, il-parti li teżegwixxi l-verifika jenħtieġ li tivverifika tipi oħra ta' dokumenti jew rekords biex twettaq il-verifika.

77. Il-verifika għandha titwettaq fil-forma ta' rapport dwar il-proċeduri li jkun sar qbil dwarhom.

Konferma tal-verifika

78. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, għandha tiġi żvelata l-konferma li din il-verifika saret u li ma nstabu l-ebda sejbiet avversi sinifikanti.

Qabel l-għeluq tat-tranżazzjoni

79. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, fejn ma jinħarġu l-ebda noti taħt titolizzazzjoni sintetika, it-terminu qabel l-għeluq tat-tranżazzjoni għandu jiġi interpretat

bħala li jirreferi għaż-żmien ta' qabel ma l-garanzija jew id-derivattiv ta' kreditu jsiru effettivi skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.

Mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet (l-Artikolu 26d(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Rappreżentazzjoni preċiża tar-relazzjoni kuntrattwali

80. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet jenħtieġ li jitqies li jkun sar "b'mod preċiż" meta jsir b'mod preċiż u b'ammont ta' dettall suffiċjenti biex jippermetti lill-investituri jimmudellaw l-obbligi ta' pagament, inklużi dawk tal-SSPE, fejn applikabbli, u biex jipprezzaw it-titolizzazzjoni kif xieraq. Dan jista' jinkludi algoritmi li jippermettu lill-investituri jimmudellaw firxa ta' xenarji differenti li jaffettwaw il-flussi ta' flus, bħal rati ta' prepagamenti jew rati ta' inadempjenza differenti.

Partijiet terzi

81. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402, fejn il-mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet huwa żviluppat minn fornituri terzi, l-oriġinatur għandu jibqa' responsabbli biex jagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-investituri potenzjali.

Divulgazzjonijiet dwar il-prestazzjoni ambjentali u s-sostenibbiltà tal-assi (l-Artikolu 26d(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Informazzjoni disponibbli relatata mal-prestazzjoni ambjentali u l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà

82. Ir-rekwiżit fl-Artikolu 26d(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402 għandu jkun applikabbli biss jekk l-informazzjoni dwar iċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija msemmija fl-ewwel subparagrafu tkun disponibbli, jew fejn l-informazzjoni dwar l-impatti negattivi prinċipali fuq fatturi ta' sostenibbiltà tal-assi ffinanzjati mill-iskoperturi sottostanti msemmija fit-tieni subparagrafu tkun disponibbli għall-oriġinatur u l-oriġinatur jiddeċiedi li japplika dak it-tieni subparagrafu, u fejn l-informazzjoni rispettiva tkun inkluża fil-bażi tad-*data* interna jew fis-sistemi tal-IT tiegħu. Fejn tali informazzjoni tkun disponibbli biss għal proporzjon tal-iskoperturi sottostanti, ir-rekwiżit għandu japplika biss fir-rigward tal-proporzjon tal-iskoperturi sottostanti li għalihom l-informazzjoni hija disponibbli.

Konformità mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont l-Artikolu 7 (l-Artikolu 26d(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

83. Għall-finijiet tal-Artikolu 26d(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 29(5) ta' dak ir-Regolament u l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 29, il-paragrafi 2 sa 4, ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib f'konformità mal-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament, meta jkunu differenti.

7. Kriterji speċifiċi għat-titolizzazzjoni li tidher fil-karta bilanċjali

Avvenimenti ta' kreditu koperti skont il-ftehim ta' protezzjoni ta' kreditu (l-Artikolu 26e(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Avvenimenti ta' kreditu addizzjonali

84. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, ir-rekwiżit li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jkopri mill-inqas l-avvenimenti ta' kreditu stabbiliti f'dak is-subparagrafu jenħtieġ li ma jipprevjenix lill-partijiet milli jaqblu dwar avvenimenti ta' kreditu addizzjonali jew definizzjonijiet aktar stretti tal-avvenimenti msemmija fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Pagamenti ta' protezzjoni tal-kreditu (l-Artikolu 26e(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Proporzjonali għas-sehem tal-ammont nominali pendenti tal-iskopertura sottostanti

85. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, jekk l-ammont tal-iskopertura sottostanti kopert mill-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jkun aktar baxx mill-ammont nozzjonali pendenti tal-iskopertura sottostanti, il-pagamenti interim u finali ta' protezzjoni tal-kreditu għandhom jiġu kkalkulati fl-istess proporzjon (pro rata) għas-sehem tal-ammont nominali pendenti kopert mill-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.

Determinazzjoni tal-pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu

86. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/2402, "fejn applikabbli" jenħtieġ li tinftiehem bħala applikabbli biss jekk l-oriġinatur ikun irċieva permess mill-awtorità kompetenti biex japplika l-Approċċ IRB biex jiddetermina l-ammont ta' telf mistenni għall-iskopertura sottostanti rispettiva li fir-rigward tagħha tkun qed tiġi vvalutata l-kundizzjoni "ogħla minn", u meta s-sistema ta' klassifikazzjoni użata għall-iskopertura sottostanti tkun ġiet iwwalutata kif xieraq mill-awtorità kompetenti għall-użu skont l-Approċċ IRB.

Ammonti ta' telf mistenni

87. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-ammont ta' telf mistenni għandu jiġi kkalkulat fil-livell tal-iskoperturi sottostanti individwali li għalihom ikun seħħ avveniment ta' kreditu. Bħala deroga, l-ammont ta' telf mistenni jista' jiġi kkalkolat fil-livell ta' subaggregazzjoni għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur f'konformità mal-abbozz tal-RTS dwar il-kalkolu tal-KIRB f'konformità mal-approċċ tar-riċevibbli mixtrija, żviluppat skont l-Artikolu 255(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Ristrutturar tad-dejn u primjums tal-protezzjoni tal-kreditu (l-Artikolu 26e(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Kontinġenti fuq l-ammont nominali pendenti tal-iskoperturi titolizzati produttivi fiż-żmien tal-pagament

88. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(3), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, meta l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jkopri l-iskoperturi titolizzati produttivi parzjalment biss, il-primjums tal-protezzjoni tal-kreditu li għandhom jitħallsu skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jenħtieġ li jkunu strutturati bħala kontinġenti fuq il-parti tal-ammont nominali pendenti tal-iskoperturi titolizzati produttivi li huwa kopert mill-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.

Aġent ta' verifika ta' parti terza (l-Artikolu 26e(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Parti li teżegwixxi l-verifika

89. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-aġent ta' verifika ta' parti terza jenħtieġ li jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. ikollha l-esperjenza u l-kapaċità biex twettaq il-verifika;
- b. ma tkun l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:
 - i. aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;
 - ii. parti terza li tivverifika l-konformità mal-STS skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2017/2402;
 - iii. entità affiljata mal-oriġinatur, l-isponsor, l-investitur jew l-SSPE.

Verifika tal-kampjun fil-każ ta' titolizzazzjonijiet b'pożizzjonijiet intermedji

90. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-investituri li jitolbu l-verifika tal-eliġibbiltà ta' kwalunkwe skopertura sottostanti partikolari, għal titolizzazzjonijiet b'pożizzjonijiet intermedji, il-partijiet għat-titolizzazzjoni jistgħu jaqblu li l-proċess ta' verifika tal-kampjun jibda wara li l-punt ta' distakkament tas-segment tal-ewwel telf jonqos taħt ċertu perċentwal ta' dak il-punt ta' distakkament iddeterminat fid-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni.

Ammonti ta' telf finali

91. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2017/2402, "l-ammont ta' telf finali" għandu jinftiehem bħala "l-istima finali tat-telf tal-oriġinatur" imsemmija fl-Artikolu 26e(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, fejn ma jkun sar l-ebda pagament finali tal-protezzjoni tal-kreditu għal skopertura sottostanti soġġetta

għal avveniment ta' kreditu fi tmiem il-perjodu ta' estensjoni speċifikat fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.

Avvenimenti ta' terminazzjoni bikrija mill-oriġinatur (l-Artikolu 26e(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Kalkolu tal-ħajja medja ponderata tal-portafoll ta' referenza inizjali

92. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-ħajja medja ponderata (WAL) tal-portafoll ta' referenza inizjali tal-iskoperturi sottostanti jenħtieġ li tiġi kkalkolata permezz ta' ponderazzjoni taż-żmien biss tar-ripagamenti tal-ammonti kapitali u jenħtieġ li ma tqis l-ebda suppożizzjoni ta' prepagament jew kwalunkwe pagament relatat ma' tariffi jew imgħax li għandhom jitħallsu mid-debituri tal-iskoperturi sottostanti.

Perjodu ta' riforniment jew perjodu rotanti

93. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2017/2402, fil-każ tal-eżistenza ta' perjodu ta' rikostituzzjoni jew perjodu rotanti, il-WAL jenħtieġ li jkun is-somma tal-perjodu ta' rikostituzzjoni jew ta' rotazzjoni u l-WAL stmat ikkalkulat fi tmiem il-perjodu ta' rikostituzzjoni jew ta' rotazzjoni. Għal din l-istima, għal kull skopertura titolizzata li timmatura qabel it-tmiem tal-perjodu ta' rikostituzzjoni jew ta' rotazzjoni, l-oriġinatur għandu jaġġusta l-maturità skedata biex tkun daqs is-somma tal-maturità attwali tagħha u l-itwal maturità permessa ta' skopertura li tkun eliġibbli biex tiżdied mal-portafoll titolizat matul il-perjodu ta' rikostituzzjoni jew ta' rotazzjoni. L-aġġustamenti għandhom isiru kemm-il darba jkun meħtieġ għal dak il-għan meta t-terminu tal-maturità aġġustata jkun iqsar mit-terminu tar-rikostituzzjoni jew tal-perjodu rotanti.

Investitur

94. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(5), l-ewwel paragrafu, punt (b), fil-każ ta' noti marbuta ma' kreditu maħruġa minn SSPE, ir-referenza għall-investitur għandha tintfiehmet bħala referenza għall-SSPE jew kwalunkwe fornitur tal-protezzjoni li jkun daħal fil-ftehim ta' protezzjoni ta' kreditu mal-oriġinatur.

Marġni pożittiv sintetiku (l-Artikolu 26e(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Kalkolu tat-telf mistenni ta' sena

95. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-ammonti ta' telf mistenni regolatorji ta' sena fuq l-iskoperturi sottostanti kollha għal dik is-sena jenħtieġ li jiġu kkalkulati billi jitqies għadd ta' perjodi ta' pagament ekwivalenti għal sena, u billi jiġi mmultiplikat il-perċentwal li l-ammont ta' telf mistenni rrappreżentat fuq l-iskoperturi titolizzati fid-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni bil-bilanċ tal-portafoll pendenti totali tal-iskoperturi titolizzati produttivi fil-bidu ta' dak il-perjodu ta' sena.

96. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(7), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402, it-terminu “marġni pożittiv sintetiku fiss” jirreferi għall-ammont tal-marġni pożittiv sintetiku li l-oriġinatur jimpenja ruħu li juża bħala titjib fil-kreditu kull perjodu. Dan l-ammont huwa espress bħala l-prodott ta' perċentwal fiss tal-bilanċ tal-portafoll produttiv pendenti kull perjodu.

97. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(7), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2017/2402, għall-oriġinaturi li ma jużawx l-Approċċ IRB imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kalkolu tat-“telf mistenni ta' sena” jenħtieġ li jsir f'konformità mal-provvediment tar-riskju skont il-qafas kontabilistiku applikabbli jew, meta dak l-approċċ jirriżulta f'kopertura tat-telf li ma tkunx rappreżentattiva biżżejjed tat-telf futur mistenni fuq l-iskoperturi titolizzati, jenħtieġ li l-istituzzjoni oriġinatriċi timmudella l-ammonti ta' telf mistenni abbażi ta' parametri tar-riskju interni oħra, bħal dawk ikkunsidrati fil-proċess ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern (ICAAP) tagħha, li jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.

L-użu tal-Approċċ IRB għall-finijiet tal-punt (c)

98. L-Artikolu 26e(7), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2402, jenħtieġ li japplika meta l-oriġinatur jiddetermina r-rekwiżiti ta' fondi proprji bl-użu tal-Approċċ IRB imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-aggregazzjoni kollha ta' skoperturi sottostanti.

Perjodu ta' ħlas

99. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(7), il-punt (a), it-terminu “perjodu ta' pagament” għandu jinftehem li jirreferi għall-perjodu li fih il-marġni pożittiv sintetiku jiġi nominat f'konformità mad-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.

Rekwiżiti għar-rikors għal kollateral ta' kwalità għolja (l-Artikolu 26e(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402)

Kollateral aċċettabbli

100. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(10), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402, it-terminu “kollateral fil-forma ta' titoli ta' dejn ponderati għar-riskju ta' 0%” jenħtieġ li jinftehem bħala kollateral fil-forma ta' titoli ta' dejn maħruġa minn dawk l-entitajiet li għalihom hija assenjata ponderazzjoni tar-riskju ta' 0% f'konformità mal-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 2, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Rekwiżiti ta' maturità fir-rigward ta' kollateral aċċettabbli ta' kwalità għolja

101. L-Artikolu 26e(10), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) (i), tar-Regolament (UE) 2017/2402 jenħtieġ li jinftehem li jirreferi għal titoli ta' dejn li, irrispettivament mill-maturità oriġinali tagħhom, għandhom maturità residwa ta' mhux aktar minn tliet xhur. Fejn il-perjodu sad-data ta' pagament li jmiss skont il-ftehim ta' protezzjoni ta' kreditu jkun inqas minn tliet xhur, il-maturità li jifdal tat-titoli ta' dejn ma għandhiex tkun itwal minn dak il-perjodu sabiex tiġi evitata kwalunkwe diskrepanza fil-maturità bejn id-data meta t-titoli ta' dejn jiġihallu lura u d-data ta' pagament li jmiss skont il-ftehim ta' protezzjoni ta' kreditu.



Investimenti f'noti marbuta ma' kreditu

102. Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(10), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/2402, ir-rekwiżit relatat mal-kollateral fil-forma ta' flus kontanti jenħtieġ li jitqies bħala ssodisfat fil-każ ta' investimenti f'noti marbuta mal-kreditu maħruġa mill-oriġinatur f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

8. Emendi għal-Linji Gwida EBA/GL/2018/08 u EBA/GL/2018/09 dwar il-kriterji tal-STS għal titolizzazzjoni ABCP u mhux ABCP

103. EBA/GL/2018/09 huwa emendat kif ġej:

a. Il-paragrafu 8 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li nħatru bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402, u lill-istituzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li huma soġġetti għal regolamentazzjoni u superviżjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/2402, inklużi partijiet terzi li jivverifikaw il-konformità STS ukoll f'konformità mal-Artikolu 2 (5), l-aħħar subparagrafu, tar-Regolament 1093/2010. L-awtoritajiet kompetenti nnominati skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402 li ma jikkwalifikawx bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 4, il-punt (2) tar-Regolament Nru 1093/2010 huma mħeġġa japplikaw dawn il-linji gwida.”

b. Il-paragrafu 22 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 20(10), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi għandhom jitqiesu li huma ta' natura simili jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. l-iskoperturi jappartjenu għal waħda mill-kategoriji ta' assi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punti (a)(i) sa (a)(iii) jew (a)(v) sa (a)(vii) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851;
- b. l-iskoperturi jappartjenu għall-kategorija tal-assi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (a)(iv) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851, u għall-istess tip ta' debitur imsemmi fl-Artikolu 2(3), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;
- c. l-iskoperturi jappartjenu għall-kategorija tal-assi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (a)(viii), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851, u għandhom karatteristiċi simili fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-fatturi ta' omoġeneità msemmija fl-Artikolu 2(6) ta' dak ir-Regolament.”

c. Il-paragrafu 26 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Bidliet f’dawn l-istandards ta’ sottoskrizzjoni għandhom jitqiesu bħala materjali meta jirreferu għal xi wieħed mit-tipi li ġejjin ta’ bidliet fl-istandards ta’ sottoskrizzjoni:

- a. bidliet li jaffettwaw ir-reqwiżit tas-similarità tal-istandards tas-sottoskrizzjoni speċifikati aktar fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851;
- b. bidliet li materjalment jaffettwaw ir-riskju ta’ kreditu globali jew il-prestazzjoni medja mistennija tal-aggregazzjoni ta’ skoperturi sottostanti mingħajr ma jirriżultaw f’approċċi sostanzjalment differenti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjat mal-iskoperturi sottostanti.”

- d. Il-paragrafu 39 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 20(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402, iċ-ċirkostanzi speċifikati fil-punti (a) sa (c) ta’ dak il-paragrafu għandhom jinftiehem bħala definizzjonijiet ta’ diffikultajiet marbutin ma’ kreditu. Ċirkostanzi possibbli oħra ta’ diffikultajiet marbutin ma’ kreditu li mhumiex imsemmija fil-punti (a) sa (c) għandhom jinftiehem li huma esklużi minn dan ir-reqwiżit.”

- e. Il-paragrafu 44 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 20(11), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2402, id-debituri b’indeboliment fil-kreditu jew il-garanti ta’ skoperturi jenħtieġ li ma jitqisux li għandhom “valutazzjoni tal-kreditu jew punteġġ tal-kreditu li jindika li r-riskju li ma jsirux pagamenti miftiehma kuntrattwalment ikun ogħla b’mod sinifikanti minn dak għal skoperturi komparabbli ta’ debituri jew garanti oħrajn b’indeboliment fil-kreditu miżmuma mill-oriġinatur li mhumiex titolizzati” meta japplikaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. il-fatturi l-aktar rilevanti li jiddeterminaw il-prestazzjoni mistennija tal-iskoperturi sottostanti u l-iskoperturi komparabbli huma simili;
- b. bħala riżultat tas-similarità msemmija fil-punt (a) seta’ raġonevolment ikun mistenni, abbażi ta’ indikazzjonijiet bħal prestazzjoni fl-imgħoddi jew il-mudelli applikabbli, li, matul il-ħajja tat-tranżazzjoni jew fuq massimu ta’ erba’ snin, meta l-ħajja tat-tranżazzjoni tkun itwal minn erba’ snin, il-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti ma tkunx agħar b’mod sinifikanti minn dik tal-iskoperturi komparabbli.”

- f. Il-paragrafu 45 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-kundizzjonijiet fil-paragrafu preċedenti għandhom jitqiesu li ġew issodisfati meta tapplika waħda minn dawn li ġejjin:

- a. I-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi li huma kklassifikati bħala dubjużi, indeboliti jew improduttivi, jew ikklassifikati għal effett simili skont il-prinċipji ta' kontabbiltà rilevanti;
- b. I-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi għal debituri jew garanti li l-kwalità tal-kreditu tagħhom, ibbażata fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew livelli limiti tal-kwalità tal-kreditu oħra, hija agħar b'mod sinifikanti mill-kwalità tal-kreditu ta' debituri jew garanti ta' skoperturi komparabbli li l-oriġinatur joriġina matul l-operazzjonijiet ta' self standard u l-istrateġija tar-riskju tal-kreditu tiegħu."

- g. Il-paragrafu 46 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 20(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402, avvanzi u għid ulterjuri f'termini ta' skopertura waħda jew ristrutturar tal-istess skopertura għal ċertu mutwatarju ma għandhomx jitqiesu li jiskattaw rekwiżit ġdid ta' 'mill-inqas pagament wieħed' fir-rigward ta' tali skopertura."

- h. Jiddaħħal paragrafu 46a addizzjonali wara l-paragrafu 46:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 20(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402, it-trasferiment maħsub ta' skopertura separata differenti għall-istess mutwatarju għall-SSPE għandu jiskatta rekwiżit ġdid ta' "tal-inqas pagament wieħed" fir-rigward ta' tali skopertura."

- i. Il-paragrafu 47 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 20(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-pagament imsemmi fir-rekwiżit li skontu 'mill-inqas pagament wieħed' kellu jsir fil-ħin tat-trasferiment għandu jkun pagament ta' kiri, kapital jew imgħax jew kwalunkwe tip ieħor ta' pagament ordinarju speċifikat fil-ftehim kuntrattwali relatat mal-iskopertura."

- j. Jiżdied paragrafu 50a addizzjonali wara l-paragrafu 50:

"Rekwiżiti ta' ritenzjoni tar-riskju

Għall-finijiet tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 29(5) ta' dak ir-Regolament u l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 29, il-paragrafi 2 sa 4, ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib f'konformità mal-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament, meta jkunu differenti."

- k. Il-paragrafu 57 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:



“Għall-finijiet tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402, ir-rati tal-imgħax li jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala bażi ta’ referenza adegwata għal pagamenti tal-imgħax imsemmi jenħtieġ li jinkludu dan kollu li ġej:

- a. ir-rati interbankarji inklużi Libor, Euribor u parametri referenzjarji rikonoxxuti oħra;
- b. rati tal-imgħax ta’ referenza stabbiliti oħrajn bħal €STR, SONIA, SOFR u TONA;
- c. rati stabbiliti mill-awtoritajiet tal-politika monetarja, inkluż ir-rati tal-fondi u r-rati ta’ skont tal-banek ċentrali;
- d. rati settorjali li jirriflettu l-kost tal-fondi ta’ mutwanti, inklużi rati varjabbli standard u rati ta’ mgħax interni li jirriflettu b’mod dirett l-ispejjeż tas-suq tal-finanzjament ta’ bank jew subsett ta’ istituzzjonijiet, sal-punt li tkun ipprovduta biżżejjed *data* lill-investituri biex ikunu jistgħu jevalwaw ir-relazzjoni tar-rati settorjali ma’ rati oħra tas-suq.

l. Jiddaħħal paragrafu 66a addizzjonali wara l-paragrafu 66:

“Għall-fini tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402, ladarba tiġi applikata r-riverżjoni tal-amortizzament għal pagament sekwenzjali, jenħtieġ li ma tkunx permessa riverżjoni ulterjuri lura għal amortizzament mhux sekwenzjali f’konformità mad-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.”

m. Il-paragrafu 76 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b’dan li ġej:

Għall-finijiet tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, it-terminu “skoperturi sostanzjalment simili” għandu jinftiehem bħala li jirreferi għal skoperturi li għalihom jiġu sodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. il-fatturi l-aktar rilevanti li jiddeterminaw il-prestazzjoni mistennija tal-iskoperturi sottostanti huma simili;
- b. bħala riżultat tax-xebh imsemmi fil-punt (a) seta’ raġonevolment ikun mistenni, abbażi ta’ indikazzjonijiet bħal prestazzjoni fl-imgħoddi jew mudelli applikabbli, li, matul il-ħajja tat-tranżazzjoni, jew fuq perjodu massimu ta’ erba’ snin, meta l-ħajja tat-tranżazzjoni tkun itwal minn erba’ snin, il-prestazzjoni tagħhom ma tkunx agħar b’mod sinifikanti minn dik tal-iskoperturi titolizzati.”

n. J iżdied paragrafu 78a addizzjonali³ wara l-paragrafu 78:

“Għal titolizzazzjonijiet li joħorġu serje multipli ta’ titoli, inklużi fiduċjarji prinċipali, għandha tiġi kkompletata verifika ġdida qabel il-ħruġ fil-każijiet fejn tkun għaddiet sena mill-verifika preċedenti.”

o. il-paragrafu 79 huwa sostitwit bil-paragrafu li ġej:

Għall-finijiet tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, parti xierqa u indipendenti għandha titqies bħala parti li tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. ikollha l-esperjenza u l-kapaċità biex twettaq il-verifika;
- b. ma tkun l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:
 - i. aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu;
 - ii. parti terza li tivverifika l-konformità mal-STS skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2017/2402;
 - iii. entità affiljata mal-oriġinatur, l-isponsor, l-investitur jew l-SSPE.”

p. il-paragrafu 80 huwa sostitwit bil-paragrafu li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-verifika għandha titwettaq bl-applikazzjoni ta’ metodu statistiku xieraq u abbażi ta’ kampjun aleatorju ta’ skoperturi sottostanti estratti mill-iskoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni, filwaqt li d-daqs tal-kampjun għandu jiġi ddeterminat sabiex jiġi żgurat li l-probabbiltà (livell ta’ fiduċja) li tiġi rrifjutata b’mod korrett l-ipoteżi li ma hemm l-ebda eċċezzjoni għar-rekwiżit fl-aggregazzjoni kollha tal-iskoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni tkun mill-inqas 95 % (jiġifieri l-probabbiltà li dak l-hekk imsejjaħ żball tat-tip II li jiġi aċċettat b’mod falz stħarriġ sħiħ mingħajr eċċezzjonijiet għandha tkun ta’ 5 %).

80a. Fi kwalunkwe każ, in-numru minimu tal-iskoperturi sottostanti fil-kampjun għandu jkun 50. Għal titolizzazzjonijiet fejn l-aggregazzjoni ta’ skoperturi sottostanti tikkonsisti f’inqas minn 50 skopertura sottostanti, il-kampjun għandu jikkonsisti mill-iskoperturi sottostanti kollha.

80b. Il-verifika għandha titwettaq fil-forma ta’ rapport dwar il-proċeduri li jkun sar qbil dwarhom.”

q. Il-paragrafu 83 huwa sostitwit bil-paragrafu li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402, fejn il-mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet huwa żviluppat minn fornituri terzi, l-oriġinatur għandu jibqa’ responsabbli biex jagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-investituri potenzjali.”

r. il-paragrafu 84 huwa sostitwit bil-paragrafu li ġej:

³ Dan huwa segwitu għall-ispjegazzjoni pprovduta fid-dikjarazzjoni ta’ feedback fil-paġna 77 tal-linji gwida dwar titolizzazzjoni mhux ABCP, li skontha tali kjarifika jenħtieġ li tkun ġiet ipprovduta fit-test legali tal-linji gwida iżda tħalliet barra fit-test finali tal-linji gwida.

“Dan ir-rekwiżit għandu jkun applikabbli biss jekk l-informazzjoni dwar iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msemmija fl-ewwel subparagrafu tkun disponibbli, jew fejn l-informazzjoni dwar l-impatti negattivi prinċipali fuq fatturi ta’ sostenibbiltà tal-assi ffinanzjati mill-iskoperturi sottostanti msemmija fit-tieni subparagrafu tkun disponibbli għall-oriġinatur u l-oriġinatur jiddeċiedi li japplika dak it-tieni subparagrafu, u fejn l-informazzjoni rispettiva tkun inkluża fil-bażi tad-*data* interna jew fis-sistemi tal-IT tiegħu. Fejn kwalunkwe informazzjoni bħal din tkun disponibbli biss għal proporzjon tal-iskoperturi sottostanti, ir-rekwiżit għandu japplika biss fir-rigward tal-proporzjon tal-iskoperturi sottostanti li għalihom hemm informazzjoni disponibbli.”

s. Jizzied paragrafu 85 addizzjonali:

“Konformità mar-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni skont l-Artikolu 7

Għall-finijiet tal-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 29(5) ta’ dak ir-Regolament u l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 29, il-paragrafi 2 sa 4, ta’ dak ir-Regolament jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib f’konformità mal-Artikolu 36 ta’ dak ir-Regolament, meta jkunu differenti.”

104. EBA/GL/2018/08 huwa emendat kif ġej:

a. Il-paragrafu 8 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li nħatru bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402, u lill-istituzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li huma soġġetti għal regolamentazzjoni u superviżjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/2402, inklużi partijiet terzi li jivverifikaw il-konformità STS ukoll f’konformità mal-Artikolu 2(5), l-aħħar subparagrafu, tar-Regolament 1093/2010. L-awtoritajiet kompetenti nnominati skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402 li ma jikkwalifikawx bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 4, il-punt (2) tar-Regolament Nru 1093/2010 huma mħeġġa japplikaw dawn il-linji gwida.”

b. Il-paragrafu 29 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/2402, iċ-ċirkostanzi speċifikati fil-punti (a) sa (c) ta’ dak il-paragrafu jenħtieġ li jinftehem bħala definizzjonijiet ta’ indeboliment tal-kreditu. Ċirkostanzi possibbli oħra ta’ diffikultajiet marbutin ma’ kreditu li mhumiex imsemmija fil-punti (a) sa (c) għandhom jinftehem li huma esklużi minn dan ir-rekwiżit.”

c. Il-paragrafu 34 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 24(9), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2402, id-debituri b’indeboliment fil-kreditu jew il-garanti ta’ skoperturi jenħtieġ li ma jitqisux li għandhom “valutazzjoni tal-kreditu jew punteġġ tal-kreditu li jindika li r-riskju li ma jsirux pagamenti miftiehma kuntrattwalment ikun ogħla b’mod sinifikanti minn dak għal skoperturi komparabbli ta’ debituri jew garanti oħrajn b’indeboliment fil-kreditu miżmuma mill-oriġinatur li mhumiex titolizzati” meta japplikaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. il-fatturi l-aktar rilevanti li jiddeterminaw il-prestazzjoni mistennija tal-iskoperturi sottostanti u l-iskoperturi komparabbli huma simili;
- b. bħala riżultat tas-similarità msemija fil-punt (a) seta’ raġonevolment ikun mistenni, abbażi ta’ indikazzjonijiet bħal prestazzjoni fl-imgħoddi jew il-mudelli applikabbli, li, matul il-ħajja tat-tranżazzjoni jew fuq massimu ta’ erba’ snin, meta l-ħajja tat-tranżazzjoni tkun itwal minn erba’ snin, il-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti ma tkunx aġġar b’mod sinifikanti minn dik tal-iskoperturi komparabbli.”

d. Il-paragrafu 35 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-kundizzjonijiet fil-paragrafu preċedenti għandhom jitqiesu li ġew issodisfati meta tapplika waħda minn dawn li ġejjin:

- a. l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi li huma kklassifikati bħala dubjużi, indeboliti jew improduttivi, jew ikklassifikati għal effett simili skont il-prinċipji ta’ kontabbiltà rilevanti;
- b. l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux skoperturi għal debituri jew garanti li l-kwalità tal-kreditu tagħhom, ibbażata fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew livelli limiti tal-kwalità tal-kreditu oħra, hija aġġar b’mod sinifikanti mill-kwalità tal-kreditu ta’ debituri jew garanti ta’ skoperturi komparabbli li l-oriġinatur joriġina matul l-operazzjonijiet ta’ self standard u l-istrateġija tar-riskju tal-kreditu tiegħu.”

e. Il-paragrafu 36 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b’dan li ġej:

Għall-finijiet tal-Artikolu 24(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402, avvanzi ulterjuri f’termini ta’ skopertura għal mutwatarju partikolari ma għandhomx jitqiesu li jixkattaw rekwiżit ta’ “tal-inqas pagament wieħed” ġdid fir-rigward ta’ tali skopertura.

f. Jiddaħħal paragrafu 36a addizzjonali wara l-paragrafu 36:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 24(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402, it-trasferiment maħsub ta' skopertura separata differenti għall-istess mutwatarju għall-SSPE għandu jiskatta rekwiżit ġdid ta' “tal-inqas pagament wieħed” fir-rigward ta' tali skopertura.”

g. Il-paragrafu 37 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 24(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-pagament imsemmi fir-rekwiżit li skontu ‘mill-inqas pagament wieħed’ kellu jsir fil-ħin tat-trasferiment għandu jkun pagament ta' kiri, kapital jew imgħax jew kwalunkwe tip ieħor ta' pagament ordinarju speċifikat fil-ftehim kuntrattwali relatat mal-iskopertura.”

h. Il-paragrafu 51 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

Għall-finijiet tal-Artikolu 24(14) tar-Regolament (UE) 2017/2402, it-terminu “skoperturi sostanzjalment simili” jenħtieġ li jinftiehem bħala li jirreferi għal skoperturi li għalihom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. il-fatturi l-aktar rilevanti li jiddeterminaw il-prestazzjoni mistennija tal-iskoperturi sottostanti huma simili;
- b. bħala riżultat tax-xebh imsemmi fil-punt (a) seta' raġonevolment ikun mistenni, abbażi ta' indikazzjonijiet bħal prestazzjoni fl-imgħoddi jew mudelli applikabbli, li, matul il-ħajja tat-tranżazzjoni, jew fuq perjodu massimu ta' erba' snin, meta l-ħajja tat-tranżazzjoni tkun itwal minn erba' snin, il-prestazzjoni tagħhom ma tkunx agħar b'mod sinifikanti minn dik tal-iskoperturi titolizzati.”

i. Il-paragrafu 57 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 24(16) tar-Regolament (UE) 2017/2402, ir-rati tal-imgħax li jenħtieġ li jiġu meqjusa bħala bażi ta' referenza adegwata għal pagamenti tal-imgħax imsemmi jenħtieġ li jinkludu dan kollu li ġej:

- a. ir-rati interbankarji inklużi Libor, Euribor u parametri referenzjarji rikonoxxuti oħra;
- b. rati tal-imgħax ta' referenza stabbiliti oħrajn bħal €STR, SONIA, SOFR u TONA;
- c. rati stabbiliti mill-awtoritajiet tal-politika monetarja, inkluż ir-rati tal-fondi u r-rati ta' skont tal-banek ċentrali;
- d. rati settorjali li jirriflettu l-kost tal-fondi ta' mutwanti, inklużi rati varjabbli standard u rati ta' mgħax interni li jirriflettu b'mod dirett l-ispejjeż tas-suq tal-finanzjament ta' bank jew subsett ta' istituzzjonijiet, sal-punt li tkun ipprovduta biżżejjed *data* lill-

investituri biex ikunu jistgħu jevalwaw ir-relazzjoni tar-rati settorjali ma' rati oħra tas-suq.

j. Il-paragrafu 65 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 24(18), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-iskoperturi għandhom jitqiesu li huma ta' natura simili jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. l-iskoperturi jappartjenu għal waħda mill-kategoriji ta' assi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punti (a)(i) sa (a)(iii) jew (a)(v) sa (a)(vii) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851;
- b. l-iskoperturi jappartjenu għall-kategorija tal-assi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (a)(iv) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851, u għall-istess tip ta' debitor imsemmi fl-Artikolu 2(3), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;
- c. l-iskoperturi jappartjenu għall-kategorija tal-assi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (a)(viii), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851, u għandhom karatteristiċi simili fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-fatturi ta' omoġenità msemmija fl-Artikolu 2(6) ta' dak ir-Regolament.”

k. Il-paragrafu 69 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Bidliet f'dawn l-istandards ta' sottoskrizzjoni għandhom jitqiesu bħala materjali meta jirreferu għal xi wieħed mit-tipi li ġejjin ta' bidliet fl-istandards ta' sottoskrizzjoni:

- a. bidliet li jaffettwaw ir-rekwiżit tas-similarità tal-istandards tas-sottoskrizzjoni speċifikati aktar fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1851;
- b. bidliet li materjalment jaffettwaw ir-riskju ta' kreditu globali jew il-prestazzjoni medja mistennija tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti mingħajr ma jirriżultaw f'approċċi sostanzjalment differenti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjat mal-iskoperturi sottostanti.”

l. il-paragrafu 82 huwa sostitwit bil-paragrafu li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, parti xierqa u indipendenti għandha titqies bħala parti li tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. ikollha l-esperjenza u l-kapaċità biex twettaq il-verifika;



- b. ma tkun l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:
- i. aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;
 - ii. parti terza li tivverifika l-konformità mal-STS skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2017/2402;
 - iii. entità affiljata mal-oriġinatur, l-isponsor, l-investitur jew l-SSPE.”